**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 18 ta’ Dicembru 2015**

**PULIZIJA**
**Spettur Mario Haber**
**VS**
**Yaya Bello**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Yaya Bello ta’ 28 sena, mwieled Abidjan, Ivory Coast fl-10 ta’ Ottubru 1987, bin Djiakura u Rutim, bla residenza f’Malta u detentur tal-Karta tal-Identita’ Taljana AS9115736;

Talli;

1) Fis- 17 ta’ Dicembru 2015 f’dawn il-gzejjer meta kellu fil-pussess tieghu passaport, mahrug minn awtorita’ kompetenti, cioe’ Passport Taljan ghall-barranin, mahrug f’isem Youba Ballo bin-numru 155444, trasferixxa dan id-dokument lill-persuna ohra jew ircieva dokument li gie trasferit lilu minn persuna ohra;

2) Aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn Passaport mahrug lill-persuna ohra cioe dak diga' msemmi;

3) Aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap 61 u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sitt xhur (6) prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**